MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Ġunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Md Sohag Molla**
**(Numru tal-Pulizija 20FF-018)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Md Sohag Molla** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli:
F'Ħal-Safi u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar it-23 ta' Ġunju 2021 billejl ħarab minn lok maħtur għall-kustodja meta kien miżmum skont il-liġi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena abbinata mar-reat in diżamina, u ċioè, li dan ir-reat iġorr miegħu piena minn sitt xhur sa sena priġunerija effettiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' priġunerija effettiva stante li dan ir-reat jista' jaffettwa s-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 151 u 160 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Md Sohag Molla** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur